MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 707/2004

**Digital Planet Ltd**

**Vs**

**Projects of Distinction Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm293.25 (mitejn tlieta u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta' servizzi resi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta' mitejn tlieta u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm293.25) minghand is-socjeta` konvenuta rapprezentanti prezz ta' servizzi relatati ma' l-Information Technology' li nghataw lill-istess socjeta` konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess.

Nonostante illi giet interpellata thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-fattura u cioe` is- 6 ta' novembru 2003 sal-gurnata tal-hlas effettiv oltre l-ispejjes tal-prezenti u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma' dan l-avviz.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata llum stess.

Jiddeciedi billi jilqa` it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------